REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/281

tat-2 ta' Frar 2026

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1), l-Artikolu 232(1), il-punt (b) u l-Artikolu 232(3), il-punt (b) tiegħu.

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk il-pajjiżi terzi jew it-territorji kkonċernati jkunu elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji, jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom biex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) L-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar sitt tifqigħat ġodda ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI, highly pathogenic avian influenza) fil-pollam fl-istati ta' Georgia, Indiana, Iowa, Montana, New Jersey, u Pennsylvania, li ġew ikkonfermati fit-22 ta' Jannar 2026 u t-23 ta' Jannar 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR, reverse transcription-polymerase chain reaction).

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(6) Wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti stabbiliet żoni ristretti ta' mill-inqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentat politika ta' qerda biex tikkontrolla l-preżenza tal-HPAI u tillimita t-tixrid ta' dik il-marda.

(7) L-Istati Uniti ppreżentaw informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji tagħhom u l-miżuri li ħadu biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI.

(8) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti, id-dħul fl-Unjoni tal-konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa miż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat ġodda f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jiġi sospiż biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu d-dati meta ġew ikkonfermati t-tifqigħat. Għalhekk, l-entrati għall-Istati Uniti fit-tabelli stabbiliti fl-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B u l-Parti 2, u fit-tabella stabbilita fl-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(9) Barra minn hekk, il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti pprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji rispettivi tagħhom fir-rigward tat-tifqigħat preċedenti tal-HPAI li wasslu għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa, kif stabbilit fit-tabella fl-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B, u fit-tabella fl-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(10) Fit-12 ta' Jannar 2026, il-Kanada ppreżentat informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħadet b'rabta ma' żewġ tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-provinċja ta' Quebec, li ġew ikkonfermati fit-18 ta' Novembru 2025 u fit-12 ta' Diċembru 2025 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(11) Fit-23 ta' Jannar 2026 u fis-26 ta' Jannar 2026, ir-Renju Unit ippreżenta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħa fir-rigward ta' erba' tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-kontej ta' Norfolk u Suffolk, fl-Ingilterra, li ġew ikkonfermati fis-26 ta' Ottubru 2025 u fis-7 ta' Novembru 2025 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(12) Fit-22 ta' Jannar 2026, l-Istati Uniti ppreżentaw informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħadu fir-rigward ta' 24 tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' Arkansas, Kansas, Minnesota, New York, North Dakota, South Dakota, Tennessee, u Utah, li ġew ikkonfermati bejn id-29 ta' Settembru 2025 u t-2 ta' Jannar 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) Il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti informaw lill-Kummissjoni li wara dawk it-tifqigħat preċedenti tal-HPAI, implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, u lestew it-tindif u d-diżinfezzjoni meħtieġa wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettat.

(14) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni ppreżentata mill-Kanada, mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti, u jidhrilha li taw garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li kienet wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa fl-Unjoni miż-żoni affettwati, kif stabbilit fit-tabella fl-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B, u fit-tabella fl-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex toħloq theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni affettwati ta' dawk il-pajjiżi terzi, li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit, u għall-Istati Uniti f'dawk it-tabelli f'dawk l-Annessi jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(15) Filwaqt li jitqiesu t-tifqigħat il-ġodda tal-HPAI fl-Istati Uniti, u biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Kanada, mar-Renju Unit u mal-Istati Uniti, l-emendi li għandhom isiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'mod urġenti.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.311 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** il-Kanada	CA-2.311	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		18.11.2025	28.1.2026"

(ii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.321 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** il-Kanada	CA-2.321	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.12.2025	26.1.2026"

(iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żoni GB-2.399 u GB-2.400 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.399	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		26.10.2025	25.1.2026
	GB-2.400		N, P1		29.10.2025	23.1.2026"

(iv) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.406 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.406	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		1.11.2025	23.1.2026"

(v) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.415 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.415	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		7.11.2025	25.1.2026"

(vi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1061 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1061	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		26.9.2025	3.1.2026"

(vii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1063 u US-2.1064 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1063	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		30.9.2025	18.1.2026
	US-2.1064		N, P1		30.9.2025	25.1.2026"

(viii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni minn US-2.1071 sa US-2.1077 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1071	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		7.10.2025	29.12.2025
	US-2.1072		N, P1		8.10.2025	25.1.2026
	US-2.1073		N, P1		8.10.2025	25.1.2026
	US-2.1074		N, P1		9.10.2025	29.12.2025
	US-2.1075		N, P1		9.10.2025	29.12.2025
	US-2.1076		N, P1		8.10.2025	11.1.2026
	US-2.1077		N, P1		8.10.2025	11.1.2026"

(ix) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1079 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1079	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		14.10.2025	12.1.2026"

(x) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1081 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1081	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		14.10.2025	4.1.2026"

(xi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1094 u US-2.1095 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1094	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		22.10.2025	25.1.2026
	US-2.1095		N, P1		22.10.2025	17.1.2026"

(xii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1107 u US-2.1108 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1107	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		3.11.2025	7.1.2026
	US-2.1108		N, P1		3.11.2025	12.1.2026"

(xiii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1153 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1153	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		19.11.2025	2.1.2026"

(xiv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1179 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1179	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		5.12.2025	14.1.2026"

(xv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1204 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1204	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		5.12.2025	15.1.2026"

(xvi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1208 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1208	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		23.12.2025	29.1.2026"

(xvii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1212 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1212	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		23.12.2025	20.1.2026"

(xviii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1214 u US-2.1215 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1214	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		23.12.2025	26.1.2026
	US-2.1215		N, P1		29.12.2025	26.1.2026"

(xix) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1221 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1221	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		2.1.2026	30.1.2026"

(xx) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni minn US-2.1241 sa US-2.1246 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1240:

“**US** l-Istati Uniti	US-2.1241	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		22.1.2026	
	US-2.1242		N, P1		22.1.2026	
	US-2.1243		N, P1		23.1.2026	
	US-2.1244		N, P1		23.1.2026	
	US-2.1245		N, P1		23.1.2026	
	US-2.1246		N, P1		23.1.2026”	

(b) fil-Parti 2, fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni minn US-2.1241 sa US-2.1246 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.1240:

“L-Istati Uniti	US-2.1241	State of Pennsylvania Lancaster 49 Lancaster County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 76.5809829°W 40.1685291°N)
	US-2.1242	State of New Jersey Burlington 01 Burlington County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 74.6400667°W 40.0414066°N)
	US-2.1243	State of Georgia Walker 02 Walker County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 85.1208834°W 34.7614528°N)
	US-2.1244	State of Indiana LaGrange 68 LaGrange County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 85.5074963°W 41.7480110°N)
	US-2.1245	State of Iowa Kossuth 04 Kossuth County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 94.1046726°W 43.3769102°N)
	US-2.1246	State of Montana Carbon 01 Carbon County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 108.9574554°W 45.3326735°N)’

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.311 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**CA** il-Kanada	CA-2.311	POU, RAT	N, P1		18.11.2025	28.1.2026
		GBM	P1		18.11.2025	28.1.2026”

(b) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.321 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**CA** il-Kanada	CA-2.321	POU, RAT	N, P1		12.12.2025	26.1.2026
		GBM	P1		12.12.2025	26.1.2026”

(c) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli għaż-żoni GB-2.399 u GB-2.400 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.399	POU, RAT	N, P1		26.10.2025	25.1.2026
		GBM	P1		26.10.2025	25.1.2026
	GB-2.400	POU, RAT	N, P1		29.10.2025	23.1.2026
		GBM	P1		29.10.2025	23.1.2026"

(d) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.406 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.406	POU, RAT	N, P1		1.11.2025	23.1.2026
		GBM	P1		1.11.2025	23.1.2026"

(e) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.415 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-2.415	POU, RAT	N, P1		7.11.2025	25.1.2026
		GBM	P1		7.11.2025	25.1.2026"

(f) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1061 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1061	POU, RAT	N, P1		26.9.2025	3.1.2026
		GBM	P1		26.9.2025	3.1.2026"

(g) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1063 u US-2.1064 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1063	POU, RAT	N, P1		30.9.2025	18.1.2026
		GBM	P1		30.9.2025	18.1.2026
	US-2.1064	POU, RAT	N, P1		30.9.2025	25.1.2026
		GBM	P1		30.9.2025	25.1.2026"

(h) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni minn US-2.1071 sa US-2.1077 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1071	POU, RAT	N, P1		7.10.2025	29.12.2025
		GBM	P1		7.10.2025	29.12.2025
	US-2.1072	POU, RAT	N, P1		8.10.2025	25.1.2026
		GBM	P1		8.10.2025	25.1.2026
	US-2.1073	POU, RAT	N, P1		8.10.2025	25.1.2026
		GBM	P1		8.10.2025	25.1.2026
	US-2.1074	POU, RAT	N, P1		9.10.2025	29.12.2025
		GBM	P1		9.10.2025	29.12.2025
	US-2.1075	POU, RAT	N, P1		9.10.2025	29.12.2025
		GBM	P1		9.10.2025	29.12.2025

	US-2.1076	POU, RAT	N, P1		8.10.2025	11.1.2026
		GBM	P1		8.10.2025	11.1.2026
	US-2.1077	POU, RAT	N, P1		8.10.2025	11.1.2026
		GBM	P1		8.10.2025	11.1.2026”

(i) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1079 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**US** l-Istati Uniti	US-2.1079	POU, RAT	N, P1		14.10.2025	12.1.2026
		GBM	P1		14.10.2025	12.1.2026”

(j) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1081 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**US** l-Istati Uniti	US-2.1081	POU, RAT	N, P1		14.10.2025	4.1.2026
		GBM	P1		14.10.2025	4.1.2026”

(k) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1094 u US-2.1095 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**US** l-Istati Uniti	US-2.1094	POU, RAT	N, P1		22.10.2025	25.1.2026
		GBM	P1		22.10.2025	25.1.2026
	US-2.1095	POU, RAT	N, P1		22.10.2025	17.1.2026
		GBM	P1		22.10.2025	17.1.2026”

(l) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1107 u US-2.1108 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**US** l-Istati Uniti	US-2.1107	POU, RAT	N, P1		3.11.2025	7.1.2026
		GBM	P1		3.11.2025	7.1.2026
	US-2.1108	POU, RAT	N, P1		3.11.2025	12.1.2026
		GBM	P1		3.11.2025	12.1.2026”

(m) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1153 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**US** l-Istati Uniti	US-2.1153	POU, RAT	N, P1		19.11.2025	2.1.2026
		GBM	P1		19.11.2025	2.1.2026”

(n) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1179 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**US** l-Istati Uniti	US-2.1179	POU, RAT	N, P1		5.12.2025	14.1.2026
		GBM	P1		5.12.2025	14.1.2026”

(o) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1204 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**US** l-Istati Uniti	US-2.1204	POU, RAT	N, P1		5.12.2025	15.1.2026
		GBM	P1		5.12.2025	15.1.2026”

(p) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1208 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1208	POU, RAT	N, P1		23.12.2025	29.1.2026
		GBM	P1		23.12.2025	29.1.2026"

(q) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1212 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1212	POU, RAT	N, P1		23.12.2025	20.1.2026
		GBM	P1		23.12.2025	20.1.2026"

(r) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1214 u US-2.1215 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1214	POU, RAT	N, P1		23.12.2025	26.1.2026
		GBM	P1		23.12.2025	26.1.2026
	US-2.1215	POU, RAT	N, P1		29.12.2025	26.1.2026
		GBM	P1		29.12.2025	26.1.2026"

(s) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1221 hija sostitwita b'dan li ġej:

"US l-Istati Uniti	US-2.1221	POU, RAT	N, P1		2.1.2026	30.1.2026
		GBM	P1		2.1.2026	30.1.2026"

(t) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni minn US-2.1241 sa US-2.1246 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1240:

"**US** l-Istati Uniti	US-2.1241	POU, RAT	N, P1		22.1.2026	
		GBM	P1		22.1.2026	
	US-2.1242	POU, RAT	N, P1		22.1.2026	
		GBM	P1		22.1.2026	
	US-2.1243	POU, RAT	N, P1		23.1.2026	
		GBM	P1		23.1.2026	
	US-2.1244	POU, RAT	N, P1		23.1.2026	
		GBM	P1		23.1.2026	
	US-2.1245	POU, RAT	N, P1		23.1.2026	
		GBM	P1		23.1.2026	
	US-2.1246	POU, RAT	N, P1		23.1.2026	
		GBM	P1		23.1.2026".	